

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 13.
## GESU' JAGHZEL L-EWWEL APPOSTLI



**Gv 1:29-51; Luqa 4:14-15, 32-37; Mattew 4:17, 5:23-25, 21:45-46, 26:3-4.**

Gesu' irritorna mid-dezert fejn kien sam erbghin jum, u mexa max-xatt tal-Gordan fejn Giovanni kien qed jghammed. Giovanni qal lin-nies: "Hekku l-haruf t'Alla li jnehhi d-dnubiet tad-dinja." Bhal hrief u l-annimali ohra mahsuba ghas-sagrificcju tal-hruq, Gesu jiehu fuq it-tbatijiet u jxerred demmu sa ma jmut fuq salib biex jifdi lid-dinja minn dnubietha u l-mewt eterna.

U Giovanni kompla jixhed: " Jiena rajt l-Ispirtu t'Alla niezel mis-smewwiet bhal hamiena u strieh fuqu. U jiena nixhed li dan hu l-Iben t'Alla."

L-ghada tefa' harstu fuq Gesu waqt li dan kien miexi, u qal lid-dixxipli tieghu:" Araw il-haruf t'Alla."
Iz-zewgt dixxipli semghu dak li qalilhom Giovanni u erhewla wara Gesu. Gesu' induna li dawn it-

tnejn minn nies kienu qed jimxu warajh dar lejhom u staqsiehom x'riedu. Huma wegbuh: "Mghallem fejn toqghod?

U Gesu irrispondihom: "Ejjew u araw."

U huma qaghdu ma' Gesu il-bqija tal-jum jisimghu jxandrilhom l-ahbar it-tajba. Ma nafux Gesu' x'qalilhom izda zgur li dak li fuqu tkellem maghhom tant ghogobhom li ipperswadew ruhhom li dak kien il-Messija, il-Mibghut minn Alla biex isalva lil bnedmin. Issa sabu lil dak li kienu ilhom jistennew. Dawn kien Indri u Giovanni. Imbaghad Indri gab lil huh Xmun. Gesu ra fidi qawwija fi Xmun u qallu: "Inti Xmun bin Jona, inti tkun tissejah Kefa (Pietru)" li tfisser gebla.

L-ghada il-Mulej sejjah lil Filippu u Filippu stieden lil Natanjiel biex imur u jara b'ghajnejh stess u jiltaqa' mall-Messija. Izda Filippu ma riedx jemmen lil habibu li Messija kellu jigi minn Betlem. Qallu: "Tista tohrog xi haga tajba minn Betlem?" "Ejja u ara'" stiednu Filippu. Natanjiel mar biex jara l-verita' b'ghajnejh stess. Malli lemhu Gesu' qallu: " Hawn hu Izraelita li fih ma jinsab ebda hazen."

"Kif tafni mghallem?" staqsieh imghaggeb Natanjiel, ghax hu kien jaf li Gesu' qatt ma rah.

"Qabel ma sejjahlek Filippu jiena rajtek that is-sigra tat-tin," wiegbu Gesu'.

X'kien qed jaghmel Natanjiel taht is-sigra qatt ma nistghu nkunu nafu, imma nistghu nobsru li kien qed gharkubtejh jitlob lil Alla biex jibghat minghajr dewmien lis-Salvatur tad-dinja. Mill-ewwel emmen fi Kristu li hu l-Iben t'Alla. Stqarr quddiem kull minn kien prezenti : "Mghallem Inti l-Iben t'Alla, Inti r-re ta' Izrael."

U Gesu' wiegbu: "Temmen dan ghax ghedtlek li rajtek taht is-sigra tat-tin? Ghad tara hwejjeg akbar minn dawn. Ghad tara s-smewwiet jinfethu u l-angli t'Alla telghin u niezlin fuq Bin il-Bniedem."

It-tnejn laqghu l-istedina li jimxu warajh u jaghmlu parti mill-ghaqda intima li Gesu' ried jigbor madwaru.

Wara dan Gesu' beda jdur ma' l-irhula u ibliet tal-Lhud biex ixandar il-bidu tas-saltna tieghu u jsejjah lil kulhadd ghal indiema. Hu kien jghallem permezz tal-parabboli u ezempji mill-hajja ta' kuljum biex ifiehem lin-nies il-messagg tal-kelma t'Alla u tidhol aktar f'qalbhom u jharsuha.

Biex juri li hu kien il-Messija, Gesu' kien jopra l-mirakli, haga li l-bniedem qatt ma jista jwettaq hlief bis-setgha u l-qawwa t'Alla. Minhabba f'hekk hafna kienu jmorru warajh u jisimghuh. Izda ohrajn, specjalment il-Farizej, is-Saducej, ix-xjuh tal-poplu u l-qassisin tal-lhud qatt ma riedu jaccettaw la lilu u anqas it-taghlim tieghu ghax qalbhom kienet imhassra u ried jibqghu ikollhom is-setgha fuq il-poplu. Ghaldaqstant saru ghedewwa ta' Kristu.

## RIFLESSJONI

Ahseb ftit li min jakkwista l-veru gid, lil Alla, ikun irid jaqsmu ma’ haddiehor.  Il-ferh u l-paci li jgarrab bil-prezenza ta’ Gesu’ ikun jixtieq jghaddiha lil haddiehor bhalma lghamlu dawk iz-zewg dixxipli ta’ Giovanni l-Battista.

Lil Alla nakkwistawh jekk nisimghu l-Kelma Mqaddsa tieghu fil-vangelu u fil-quddiesa ta’ nhar ta’ Hadd jew billi naqraw xi siltiet mill-Iskrittura. Meta l-Kelma t’Alla tinzera’ fina, iggib bosta frott spiritwali li jiswielna ghall-hajja ta’ dejjem.